MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru. 56/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**William Calleja bin Gregory u Gregoria nee Spiteri li joqghod 'Sliem', Triq Xuxa, Kercem, Ghawdex.**
**(Karta ta' Identita' numru 34883 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-15 ta' Jannar 2003 ghall-habta tat-8:35 p.m. waqt li kien fi Triq Kercem, Victoria, (1) saq vettura Numru WIL 015 b'velocita` eccessiva, (2) b'imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura Numru AAI 405 u kkagunalha hsarat konsiderevoli ghad-dannu ta' Laurence Camenzuli mill-Gharb, (3) barra minnhekk akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin u cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Franklyn Cauchi u griehi ta' natura gravi fuq il-persuna

ta’ Richard Vella li kienu passiggieri go vettura Numru AAI 405 u dan skond kif iccertifika Dr Julian Portelli M.D. ta’ l-Isptar Generali, Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha li hu xieraq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi minn ezami tal-provi prodotti l-imputat ma ghamel xejn li jista’ b’xi mod jitfa’ r-responsabilita` ta’ l-incident fuqu.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------